**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 72**
**It-Tnejn, 9 ta' Jannar, 2023 fl-4:00 p.m.**

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - KAROZZI ELETTRIĊI**

**3944. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il karozza tal-elettriku hemm leased fil-Ministeru tagħha?

14/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li n-numru ta’ karozzi elettriċi li ġew leased mill-Ministeru, inkluż mill-entitajiet u d-dipartimenti, huwa ta’ 66, filwaqt li ġew mixtrija 18-il vettura elettrika. Fil-fatt, b'37 vettura, bħalissa l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma tħaddan l-akbar flotta ta' vetturi li jaħdmu bl-elettriku.

Infakkar ukoll lill-Onor. Interpellant li ġie ppubblikat tender mis-Servizz Pubbliku għal provvista ta' 250 vettura elettrika. Dan l-investiment huwa mistenni li jħalli impatt pożittiv biex il-flotta ta' EVs fis-Servizz Pubbliku titla’ minn 7% fl-2021 għal kważi 40%.

Seduta 72
09/01/2023

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - KAROZZI ELETTRIĊI**

**3945. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il karozza tal-elettriku hemm leased fil-Ministeru tiegħu?

14/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għadu kemm tħabbar li ġie ppubblikat tender b’valur ta’ €10 miljun, li se jipprovdi lis-Servizz Pubbliku b’250 vettura elettrika. Dan l-investiment se jħalli impatt qawwi u pożittiv, waqt li l-flotta fis-Servizz Pubbliku se titla’ minn 7% fl-2021 għal kważi 40%. Bħalissa fil-Ministeru u d-dekasteru tiegħu hemm żewġ karozzi tal-elettriku leased.

Seduta 72
09/01/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - KAROZZI ELETTRIĊI**

**3946. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il karozza tal-elettriku hemm leased fil-Ministeru tiegħu?

14/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għadu kemm tħabbar li ġie ppublikat tender b’valur ta’ €10 miljun li se jipprovdi lis-Servizz Pubbliku b’250 vettura elettrika. Dan l-investiment se jħalli impatt qawwi u pożittiv waqt li l-flotta fis-Servizz Pubbliku se titla’ minn 7% għal kważi 40%.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni jagħmel użu minn erba’ karozzi elettriċi leased, tnejn minnhom tat-tip hybrid.

Seduta 72
09/01/2023

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR - KAROZZI ELETTRIĊI**

**3947. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il karozza tal-elettriku hemm leased fil-Ministeru tiegħu?

14/11/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif għadu kemm tħabbar, ġie ppubblikat tender b'valur ta' €10 miljun, li se jipprovdi lis-Servizz Pubbliku b'250 vettura elettrika. Dan l-investiment se jħalli impatt qawwi u pożittiv, waqt li l-flotta fis-Servizz Pubbliku se titla' minn 7% fl-2021 għal kważi 40%. Fil-mument, il-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar m'għandux karozzi tal-elettriku leased.

Seduta 72
09/01/2023

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA - KAROZZI ELETTRIĊI**

**3948. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il karozza tal-elettriku hemm leased fil-Ministeru tiegħu?

14/11/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'hemmx karozzi tal-elettriku leased fil-Ministeru tiegħi. Madanakollu, ta' min wieħed jinnota li kif għadu kemm tħabbar, ġie ppubblikat tender b'valur ta' €10 miljun, li se jipprovdi lis-Servizz Pubbliku b'250 vettura elettrika. Dan l-investiment se jħalli impatt qawwi u pożittiv, waqt li l-flotta fis-Servizz Pubbliku se titla' minn 7% fl-2021 għal kważi 40%.

Seduta 72
09/01/2023

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA - KAROZZI ELETTRIĊI**

**3949. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il karozza tal-elettriku hemm leased fil-Ministeru tiegħu?

14/11/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-Ministeru għadu kemm ġie awarded tender għal żewġ karozzi elettriċi. Minbarra hekk u kif diġà tħabbar f'Novembru li għadda, il-flotta ta' vetturi tal-Gvern se tkun qed tinqaleb b'mod gradwali għal vetturi elettriċi minn din is-sena stess. Infatti ġie ppubblikat tender b'valur ta' €10 miljun, li se jipprovdi lis-Servizz Pubbliku b'250 vettura elettrika. Dan l-investiment se jħalli impatt qawwi u pożittiv, waqt li l-flotta fis-Servizz Pubbliku se titla' minn 7% fl-2021 għal kważi 40%.

Seduta 72
09/01/2023

**MINISTERU TAL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – LINE ITEM 5803**

**4405. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għal-Line Item 5803 fl-Estimi tal-Bagit 2023, 'Community Inclusive Employment Scheme', jista' l-Ministru jgħid x'wassal biex kien hemm tnaqqis ta' €150,000 fuq l-Estimi tas-sena l-oħra?

24/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed ikun assigurat li l-ħaddiema kollha tas-C.I.E.S ser jinżammu.

Seduta 72
09/01/2023

**MINISTERU TAL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – LINE ITEM 7048**

**4406. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għall-aħbar li l-Ministeru se jkun qed jagħmel xi xogħol ta' restawr fuq numru ta' swar fil-Kottonera, jista' l-Ministru jgħid x'wassal biex fil-Line Item 7048 tal-Estimi tal-Baġit 2023 spiċċa naqqas il-fond b'€500,000 mill-Estimi tas-sena l-oħra?

24/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Estimi tal-Budget jinbidlu minn sena għal oħra skont in-nefqiet u l-esiġenzi attwali mhux biss tad-Direttorat iżda wkoll tal-Ministeru.

Madanakollu l-pjan ta' restawr fuq numru ta' swar fil-Kottonera li kkommetta għalih id-Direttorat tar-Restawr hu maħsub li ser jinżamm xorta waħda.

Seduta 72
09/01/2023

**MINISTERU TAL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – LINE ITEM 7003**

**4407. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għal-Line Item 7003 fl-Estimi tal-Baġit 2023, jista' l-Ministru jgħid għaliex filwaqt li l-Baġit għal din il-Fondazzjoni tal-Katidral ta' San Ġwann kien €265,000 fl-2022, fl-Estimi tal-2023 dan niżel għal €33,000 biss?

24/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-allokazjoni tal-Estimi tal-Baġit tal-Ministeru għas-sena 2023 mhuwiex il-baġit għall-operat tal-Fondazzjoni.

Seduta 72
09/01/2023

**KUNSILLI LOKALI - AWTONOMIJA**

**4447. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb li l-kunsilli lokali jingħataw aktar awtonomija fiżika biex ikunu jistgħu jiġbru fondi għall-istesskunsill lokali?

25/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li preżentement għadhom qed jiġu evalwati l-proposti kollha mressqa fl-eżerċizzju ta' konsultazzjoni għall-Istrateġija l-Ġdida għall-Gvern Lokali.

Seduta 72
09/01/2023

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN – SPEZZJONIJIET FI STABBILIMENTI ĠEWWA PACEVILLE**

**4448. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3847, jista' l-Ministru jitkellem mal-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan fid-dawl li għandhom realtà ferm differenti mit-tweġiba mogħtija għal din mistoqsija parlamentari?

25/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nista' nassigura lill-Onor. Interpellant li kemm il-Ministeru kif ukoll l-entatijiet fi ħdanu jżommu kuntatt mill-qrib mal-Kunsilli Lokali. Kemm-il darba l-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan iħoss li għandu bżonn jagħmel kuntatt magħna, aħna lesti li niltaqgħu, kif fil-fatt għamilna mal-Onor. Interpellant meta kien jokkupa l-kariga ta' Sindku tal-istess lokalità.
Seduta 72
09/01/2023

**GĦAWDEX – BENEFIĊĊJI SOĊJALI BĦALA SINGLE PARENTS**

**4483. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm huma l-persuni li jingħataw benefiċċji soċjali bħala single parents u li jgħixu f'Għawdex? Jista' jagħti dawn il-figuri wkoll separatament għal kull lokalità f'Għawdex? Jista' jgħid kemm hu t-total ta' persuni li jingħataw tali benefiċċju bħala single parents fil-pajjiż kollu?

28/11/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-total ta' benefiċjarji li tħallsu benefiċċji soċjali bħala single parents, f'Malta kif ukoll f'Għawdex, sas-7 ta' Jannar, kien jammonta għal 2,045 benefiċjarju.

Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li mill-ammont kwotat (ta' 2,045), 1,971 huma residenti f'Malta u 74 huma residenti f'Għawdex.

Kif mitlub, qegħdin jingħataw il-figuri tal-benefiċċjarji, skont il-lokalità li ġejjin minnha l-benefiċċjarji, ġewwa Għawdex.

| **Lokalitajiet - Għawdex** | **Total** |
|---|---|
| FONTANA | 1 |
| GĦAJNSIELEM | 6 |
| KERĊEM | 1 |
| MARSALFORN | 10 |
| MUNXAR | 3 |
| NADUR | 10 |
| QALA | 10 |
| SAN LAWRENZ | 2 |
| SANNAT | 2 |
| VICTORIA | 15 |
| XAGĦRA | 6 |
| XEWKIJA | 4 |
| XLENDI | 1 |
| ŻEBBUĠ GĦAWDEX | 3 |
| **Total** | **74** |

Seduta 72
09/01/2023

**GĦAWDEX – UPGRADE FIN-NETWERK TA' DISTRIBUZZJONI**

**4484. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx ippjanat upgrade fin-network ta' distribuzzjoni ġewwa Għawdex biex isir matul is-sena 2023 u jekk iva f'liema lokalitajiet u x'tip ta' upgrades ser isiru?

28/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-pjan għat-tisħiħ tas-sistema tad-distribuzzjoni f'Għawdex fl-2023 jinkludi feeder ġdid miċ-Ċentru tad-Distribuzzjoni tax-Xewkija lejn il-Victoria Kerċem Road Substation.

Dan ir-rinfurzar jinkludi tqegħid ta' cable fi Triq Qasam San Ġorġ, Triq Mons. Lwiġi Vella u Pjazza Savina fir-Rabat. B'dan il-proġett tkun qed tissaħħaħ ukoll il-provvista tal-elettriku fl-irħula fin-naħa tal-Punent tal-gżira Għawdxija. Xogħlijiet oħra fil-pjan tal-Enemalta jinkludu tliet substations ġodda.

Seduta 72
09/01/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – ĦADDIEMA FI GRAD TA' SUPERVISOR**

**4485. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid sal-aħħar ta' Ottubru 2022 kemm kien hemm ħaddiema fil-Ministeru tiegħu fil-grad ta' supervisor, kemm minnhom huma rġiel u kemm minnhom huma nisa? Jista' jgħid ukoll ma' liema Direttorat/Diviżjoni fi ħdan il-Ministeru ta' Għawdex jaħdmu?

28/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sal-aħħar ta' Ottubru 2022 kien hemm 54 ħaddiem fi grad ta' supervisor fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

Seduta 72
09/01/2023

**GĦAWDEX U KEMMUNA – BAJJIET - ĦIDMA**

**4486. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid liema huma dawk il-bajjiet u areas ġewwa Għawdex u Kemmuna li għandhom x'jaqsmu magħhom l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) u Ambjent Malta u x'ħidmiet varji saru minn dawn matul is-snin 2021 u 2022 u x'ħidmiet varji hemm ippjanati li jsiru matul is-sena 2023 f'dawn il-bajjiet u areas?

28/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'Għawdex u Kemmuna, ir-responsabbiltajiet tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) u ta' Ambjent Malta (AM) huma prinċiparjament relatati mal-ħarsien, ir-rijabilitazzjoni u l-immaniġġar tas-siti Natura 2000. Min-naħa tagħha, Ambjent Malta tagħti wkoll sostenn lill-Kunsilli Lokali f'inizjattivi ta' tħaddir urban.

Fir-rigward tax-xogħlijiet li diġà saru u li se jkomplu jsiru f'Kemmuna, nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba dettaljata li tajt għall-Mistoqsija Parlamentari 4096.

Min-naħa l-oħra, l-interventi li saru f'Għawdex kienu jinkludu miżuri li jħarsu l-għaram tar-ramel fil-bajja tar-Ramla l-Ħamra u s-sit protett tad-Dwejra. Fir-Ramla l-Ħamra, l-interventi kienu jinkludu l-manutenzjoni tal-ħbula u l-poles tal-injam li jipproteġu dan is-sit sensittiv u t-twaħħil ta' sinjali li jidderieġu l-pubbliku ġenerali, filwaqt li fid-Dwejra tneħħew diversi tabelli u installazzjonijiet antiki li kienu jinsabu fi stat ħażin. Għall-2023, il-pjan hu li jitwaħħlu tabelli informattivi ġodda sabiex il-pubbliku jkun jista' jifhem aħjar l-importanza ta' dan is-sit u jikkontribwixxi għall-ħarsien tiegħu.

Fl-istess waqt, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi ffirmat ftehim mal-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz għat-tmexxija u l-operat taċ-Ċentru ta' Interpretazzjoni tad-Dwejra. Dan il-ftehim se jwassal għal titjib fl-operat ta' dan iċ-Ċentru billi, fost l-oħrajn, jiġu organizzati żjarat edukattivi, sessjonijiet ta' taħriġ u anke wirjiet.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-inizjattivi tat-tħaddir urban, Ambjent Malta tat fondi sabiex f'diversi lokalitajiet f'Għawdex, fosthom Għajnsielem, il-Munxar, l-Għasri, il-Qala u San Lawrenz, tħawlu sitt mija u tletin pjanta ornamentali.

Seduta 72
09/01/2023

**IX-XAGĦRA GĦAWDEX – TRIQ TA' STELLINI - XOGĦLIJIET**

**4487. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet fadal isiru fi Triq ta' Stellini fix-Xagħra, Għawdex? Jista' jgħid kemm-il xahar ilu li nbeda x-xogħol, u għala f'dawn l-aħħar ġimgħat ma tkompla ebda xogħol f'din it-triq? Jista' jgħid meta ser jitkompla x-xogħol f'din it-triq u meta ser titlesta minn kollox?

28/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif diġà aġġornat f'mistoqsija parlamentari 1382, wara li għal għexieren ta' snin din it-triq kienet bla drenaġġ, ftit tax-xhur ilu sar id-drenaġġ, filwaqt li x-xogħlijiet l-oħra ser jitkomplew fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta 72
09/01/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – GĦAJNUNA F'FONDI LIL PARROĊĊI U ISTITUZZJONIJIET TAL-KNISJA**

**4517. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid liema parroċċi u istituzzjonijiet tal-Knisja f'Għawdex ingħataw kontribuzzjonijiet, għajnuna fi flus jew għajnuna oħra mill-Ministeru tiegħu, jew xi waħda mill-entitajiet li taqa' taħt il-Ministeru tiegħu minn Jannar 2020 sal-lum? Jista' jgħid f'kull każ kemm kien l-ammont jew għajnuna oħra li ngħatat jew ġie miftiehem li tingħata lil kull parroċċa u għal liema skop ingħatat u minn liema Direttorat jew Diviżjoni ngħatat?

28/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 72
09/01/2023

**SAN ĠWANN – TRIQ IL-PRUNA – GARAXXIJIET**

**4535. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid fi Triq il-Pruna, f'San Ġwann, kemm hemm garaxxijiet li huma vojta, bil-kiri lir-residenti jew inkella lil xi awtorità tal-Gvern? Jista' jgħid jekk hemmx xi talbiet għal dawn il-garaxxijiet f'din it-triq?

28/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-istat tal-garaxxijiet imsemmija fl-indirizz huwa kif imniżżel fit-tabella hawn taħt:

· Żewġ garaxxijiet mibjugħa lil individwi privati;
· Sebgħa garaxxijiet jinsabu mikrija lil individwi privati;
· Garaxx minnhom jinsab mikri lil entità tal-Gvern.

Fl-aħħar sena, kien hemm talba minn entità governattiva sabiex tagħmel użu minn garaxx partikolari però dan laħaq ġie mikri.
Fil-preżent ma hemmx talbiet pendenti għal kiri jew bejgħ ta' dawn il-garaxxijiet.

Seduta 72
09/01/2023

**AWTORITÀ GĦALL-UŻU RESPONSABBLI TAL-KANNABIS – HARM AND RISK REDUCTION POLICY**

**4577. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għal dak li hemm miktub fuq is-sit tal-Ministeru (homeaffairs.gov.mt) fis-sezzjoni Authority on the Responsible Use of Cannabis, issa li għaddiet sena mit-twaqqif ta' din l-Awtoriat, jista' l-Ministru jgħid fiex waslet il-"Harm and Risk Reduction policy"?

28/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-liġi approvata minn dan il-Parlament hija msejsa madwar il-kunċett tal-harm reduction policy. L-ewwel parti tal-liġi li diġà ġiet fis-seħħ wasslet sabiex "users" jistgħu jkabbru l-kannabis f'darhom u b'hekk ma jirrikorrux għand traffikanti abbużivi bir-riskju li jiksbu kannabis ta' kwalità detrimentali għas-saħħa. Il-liġi tillimita l-kwantità li tista' tinżamm u titkabbar sabiex jiġi evitat użu eċċessiv jew abbuż.

Fit-tieni parti tal-liġi li se tiġi implimentata dalwaqt se jiġi rregolat it-tkabbir u d-distribuzzjoni ta' kannabis minn assoċjazzjonijiet li jaħdmu mingħajr qligħ. Dan il-mudell se jagħti opportunità sabiex "users" li ma għandhomx il-fakultà li jkabbru l-kannabis f'darhom ukoll ikunu jistgħu jakkwistaw kannabis b'mod kontrollat u li ma jkunx ta' detriment għal saħħithom.

Barra minn hekk, l-Awtorità għall-Użu responsabbli tal-Kannabis se tkun qed tanalizza patterns fl-użu tal-kannabis u tuża s-sejbiet tal-analisi sabiex tippromwovi kampanji edukattivi mmirati.

Infurmat illi l-Awtorità għall-Użu Responsabbli tal-Kannabis wettqet kampanja edukattiva inkluż bl-użu ta' media soċjali li laħqet iżjed minn 200,000 persuna. Barra minn hekk, ġie ffirmat ftehim mal-Foundation for Social Welfare Services (FSWS) sabiex numru ta' professjonisti mill-aġenzija msemmija jwettqu kampanji ta' taħriġ u informazzjoni dwar riskji relatati mal-abbuż u l-użu tad-drogi, inkluż il-kannabis. Ir-regolamenti li qed jiġu mħejjija sabiex jiġu osservati minn assoċjazzjonijiet interessati se jkunu qed jissalvagwardjaw is-saħħa u s-sigurtà pubblika.

Infurmat ukoll illi l-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis qed tipprepara l-linji gwida u r-regolamenti li jridu jiġu segwiti mill-assoċjazzjonijiet interessati. L-abbozz tal-linji gwida se jkun lest fi żmien qasir. Fis-27 ta' Jannar se jiġi organizzat "convention" sabiex jingħataw iżjed dettalji lill-assoċjazzjonijiet interessati u jittieħed feedback dwar l-abbozz imħejji. Infurmat li huwa mistenni li l-applikazzjonijiet se jibdew jiġu milqugħa fi Frar.

Seduta 72
09/01/2023

**AWTORITÀ GĦALL-UŻU RESPONSABBLI TAL-KANNABIS - KRITERJI BIEX NON PROFIT ORGANISATION JAPPLIKAW MAL-AWTORITÀ**

**4578. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għal dak li hemm miktub fuq is-sit tal-Ministeru (homeaffairs.gov.mt) fis-sezzjoni Authority on the Responsible Use of Cannabis, issa li għaddiet sena mit-twaqqif ta' din l-Awtorità, jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-kriterji biex "Non-Profit Organisations" japplikaw mal-Awtorità?

28/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4577.

Seduta 72
09/01/2023

**AWTORITÀ DWAR L-UŻU RESPONSABBLI TAL-KANNABIS – NON-PROFIT ORGANISATION - APPLIKAZZJONIJIET**

**4579. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għal dak li hemm miktub fuq is-sit tal-Ministeru (homeaffairs.gov.mt) fis-sezzjoni Authority on the Responsible Use of Cannabis, issa li għaddiet sena mit-twaqqif ta' din l-Awtorità, jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm "Non-Profit Organisations" li applikaw mal-Awtorità u kemm kien hemm li talbu informazzjoni biex japplikaw?

28/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4577.

Seduta 72
09/01/2023

**FSWS – PROĊEDURA BIEX MANAGERS U DIRETTURI JAGĦMLU XOGĦOL PRIVAT**

**4580. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jispjega lill-Kamra x'inhi l-proċedura biex Managers u Diretturi tal-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) jagħmlu xogħol privat ("private practice")?

28/11/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Hawn taħt qed nirriproduċi parti mill-kundizzjonijiet elenkati fil-kuntratt tax-xogħol tal-impjegati, fir-rigward ta' xogħol ieħor:

"9. OTHER EMPLOYMENT
The employee shall not perform any other work, paid or unpaid, on his/her own account or on behalf of any other person, unless s/he informs the employer in writing. The employer may at any time refuse that the employee undertakes other work if it is in conflict with the employer's work."

Għaldaqstant huwa l-obbligu ta' kull impjegat li jinfurma b'kull tip ta' xogħol kemm bi ħlas kif ukoll bla ħlas lil Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni. Meta tingħata l-approvazzjoni, dan ikun bil-kundizzjoni li fejn ikun hemm xi tip ta' kunflitt, il-private practice titwaqqaf immedjatament.

Seduta 72
09/01/2023

**FSWS – MANAGERS U DIRETTURI U UFFIĊJALI GĦOLJA LI JAGĦMLU XOGĦOL PRIVAT**

**4581. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-managers, diretturi u uffiċjali għolja tal-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) u l-aġenziji tagħha għandhom permess biex jagħmlu xogħol privat? Min huma? Jista' dan ix-xogħol privat minn uffiċjali għolja f'aġenziji pubbliċi jwassal għal sitwazzjonijiet ta' konflitt ta' interess?

28/11/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta illi hemm ħdax (11)-il Direttur jew Manager minn total ta' 46, mal-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) u l-aġenziji tagħha li għandhom permess li jagħmlu xogħol privat.
Kif indikat fir-risposta għat-tweġiba parlamentari Nru 4580 huwa l-obbligu ta' kull impjegat illi jinforma b'kull tip ta' xogħol privat, kemm bi ħlas kif ukoll bla ħlas, lill-Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni. Meta tingħata l-approvazzjoni, dan ikun bil-kundizzjoni li fejn ikun hemm xi tip ta' kunflitt ta' interess, il-private practice titwaqqaf immedjatament.
Diretturi u Managers li jagħmlu private practice, ġeneralment jagħmlu dan, sabiex dak li jkun ma jitlifx il-warrant tal-professjoni partikolari tiegħu jew tagħha.

Kif mitlub, f'din it-tweġiba hawn il-lista ta' Diretturi jew Managers li għandhom private practice.

| Kunjom | Isem | Aġenzija/Direttorat | Professjoni | Grad |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| Mifsud | Melissa | DAC | System Family and Couple Psychotherapist, Clinical Supervisor | Assisntent Direttur |
| Galea | Thomas | ACTS | Systemic Psychotherapist | Direttur |
| Agius | Kevin | Head Office | CPA & Registered Auditor | Direttur Finanzi |
| Agius | Marylyn | DAC | Social Worker & Psychotherapist | Maniger |
| Antoncich | Joseph | ACTS | Systemic Psychotherapist | Maniger |
| Baldacchino | Ingrid | Child Protection | Social Worker & Psychotherapist | Maniger |
| Camilleri | Brian | Sedqa | Social Worker & Psychotherapist | Maniger |
| Mizzi | Antonella | ACTS | Psychologist | Maniger |
| Sammut Demarco | Andrea | ACTS | Psychotherapist | Maniger |
| Orland | Mike | Sedqa | Social Worker & Systemic Psychotherapist (Famiy & couple Therapist) | Maniger |
| Farrugia Bennett | Colette | Aġenzija Appoġġ | Social Worker & Family Therapist | Maniger |

Seduta 72
09/01/2023

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMA U L-UGWALJANZA- ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**4643. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentaru 3190, jista' l-Ministru jgħid min ibbenefika minn kull ftehim/kuntratt?

30/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-informazzjoni mitluba qiegħda tiġi riprodotta fit-tabella hawn taħt.

| |
|---|
| Dr Janice Formosa Pace |
| Mr. Mario Portelli |
| Mr Tony Mouton |
| Dr Alexander Scerri Herrera |
| Dr. Charlon Gouder |
| Dr. Charlon Gouder |
| Dr. Charlon Gouder |
| Dr. Charlon Gouder |
| Dr. Charlon Gouder |
| Dr. Paul Cachia |
| Dr. Paul Cachia |
| Dr. Paul Cachia |
| Dr. Paul Cachia |
| Dr. Paul Cachia |
| Dr. Paul Cachia |
| Silvio Mifsud |
| Silvio Mifsud |
| Silvio Mifsud |
| Silvio Mifsud |
| Silvio Mifsud |
| Silvio Mifsud |
| Dr. Camilleri Dustin |
| Cassar Ray M. |
| Ebejer Edwin |

| |
|---|
| Dr. Harrison Neil |
| Mizzi Joseph |
| Dr. Zammit Lewis Edward |
| Dr. Kochenov Dimitri * |
| Bonnici Robert Anthony |
| Farrugia Franco |
| Pisani Joseph |
| Scicluna Mark |
| Ebejer Edwin |
| Mizzi Joseph |
| Dr. Camilleri Dustin |
| Cassar Ray M. |
| Dr. Bantick Chanel |
| Dr. Bantick Chanel |
| Dr Cory Greenland |
| Mulvaney Roger |
| Brown Tania |
| Ebejer Edwin |
| Mizzi Joseph |
| Borg Christopher |
| Dr. Bantick Chanel |
| Bonnici Robert Anthony |
| Mizzi Joseph |
| Ebejer Edwin |
| Dr. Greenland Cory |
| Borg Christopher |
| Dr. Greenland Cory |
| Financial Transparency Advisors |
| Ganado Advocates |
| E-Cubed Consultants Ltd. |

* Till March 2018 when MIIPA was established

Seduta 72
09/01/2023

**SIĠĠIEWI – XOGĦOL TA' RESTAWR TAZ-ZUNTIER TAL-KNISJA PARROKKJALI – ALLOKAZZJONI TA' FONDI**

**4844. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4169, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid kemm hemm fondi allokati għall-proġett ta' riġenerazzjoni u restawr taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi?

07/12/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4843.

Seduta 72
09/01/2023

**QAWRA – SKOLA PRIMARJA - PARKEĠĠ**

**4871. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba ta' mistoqsija parlamentari 4526 dwar il-parkeġġ tal-Iskola Primarja tal-Qawra, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ftehim li ġie ffirmat iktar kmieni llum 12 ta' Diċembru, 2022?
12/12/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-kuntratt qed jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 72
09/01/2023

**INĊIDENTI STRADALI U TEĦID TA' XORB JEW SUSTANZI OĦRA**

**4893. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4336 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza u issa ġiet referuta lilu u jgħid jekk hemmx relazzjoni bejn inċidenti stradali speċjalment dawk li jinvolvu persuni li jinqatlu jew iweġġgħu u t-teħid ta' xorb jew sustanzi oħra? Hemm xi studju dwar dan u x'qed jikkaġuna sewqan ħażin?

14/12/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħala parti mill-ħidma teknika fil-preparazzjoni tal-istrateġija ġdida għas-sigurtà fit-toroq, il-Gvern se jkun qed jieħu inkonsiderazzjoni l-fatturi li jwasslu għall-inċidenti stradali. Dawn jinkludu, imma mhux limitati għal, xorb eċċessiv u l-abbuż mis-sustanzi.

Seduta 72
09/01/2023

**INĊIDENTI STRADALI U TEĦID TA' XORB JEW SUSTANZI OĦRA**

**4894. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4336 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza u issa ġiet referuta lilu u jgħid jekk hemmx relazzjoni bejn inċidenti stradali speċjalment dawk li jinvolvu persuni li jinqatlu jew iweġġgħu u t-teħid ta' xorb jew sustanzi oħra? Hemm xi studju dwar dan u x'qed jikkaġuna sewqan ħażin?

14/12/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kull meta Maġistrat Inkwerenti jirrakkomanda li jittieħdu passi kontra xi persuna involuta f'inċident stradali, il-konklużjonijiet tal-Inkjesti Maġisterjali jiġu trasmessi mill-Maġistrat direttament lill-Pulizija li hija l-awtorità li tmexxi l-Prosekuzzjonijiet f'dawn il-każijiet. Ninforma wkoll lill-Onor. Membru Interpellant li l-parti tal-mistoqsija li tirrigwarda l-istudju għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 72
09/01/2023

**MALTA FILM COMMISSION – LINJI GWIDA ĠODDA GĦALL-FINANCIAL INCENTIVES FOR THE AUDIOVISUAL INDUSTRY**

**4895. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4337 u ċjoè: Peress li f'Marzu li għadda l-Malta Film Commission ippubblikat linji gwida ġodda għall-Financial Incentives for the Audiovisual Industry: Cash Rebate, u skont Artiklu 5 ta' dawn il-Linji Gwida, dawn jidħlu fis-seħħ ġaladarba jidħol fis-seħħ l-Avviż Legali, għaldaqstant jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' dan l-avviż legali li jirregola dawn il-linji gwida u jinforma lill-Kamra meta daħlu fis-seħħ?

14/12/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 72
09/01/2023

**FINANCIAL INCENTIVES FOR THE AUDIOVISUAL INDUSTRY – GĦOTI TA' INĊENTIVI**

**4896. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4339 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra rendikont dettaljat ta' kull inċentiv li ngħata taħt il-Financial Incentives for the Audiovisual Industry: Cash Rebate mill-2006 sal-2022 s'issa? Għal kull proġett, jista' jinkludi l-isem tal-proġett, l-isem tal-kumpanija li bbenefikat mill-cash rebate, l-ammont li ngħata mill-Gvern bħala Cash Rebate, l-ispiża diretta tal-film f'Malta u l-ispiża indiretta (fuq riżorsi jew servizzi mill-UE) li kienet eliġibbli għal cash rebate?

14/12/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 72
09/01/2023

**SOVRINTENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI – ESTENSJONI TAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR**

**4897. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2382 u ċjoè: Wara dak li ntqal mill-eNGO Flimkien għall-Ambjent Aħjar, u ċjoé li s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali qed issir estensjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar u kif ukoll li hemm impjegati mill-istess Awtorità tal-Ippjanar li qed jaħdmu fis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, jista' l-Ministru jippreżenta fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' impjegati tal-Awtorità tal-Ippjanar li qed jaħdmu fis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, jekk hemm?
Jista' wkoll:
a. jagħti d-data ta' meta kull persuna daħlet taħdem fis-Sovrintendena tal-Patrimonju Kulturali;
b. jindika l-kariga u l-grad li kull persuna kienet tokkupa fl-Awtorità tal-Ippjanar fil-mument li daħlet fis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali;
c. jindika l-kariga u l-grad li tokkupa fl-Awtorità tal-Ippjanar illum minkejja li taħdem mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali;
d. jgħid x'inhi l-kariga u l-grad li daħlet fiha fis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali; u
e. jgħid x'inhi l-kariga u l-grad li tokkupa llum fis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali?
Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kull ftehim jew kuntratt li jirregola l-ingaġġ ta' dawn l-impjegati?

14/12/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 72
09/01/2023

**BORDIJIET U KUMITATI - PERSUNI**

**4898. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2364 u ċjoè: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-individwi kollha li jagħmlu parti mill-bordijiet u kumitati kollha li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Jista', għal kull kumitat u bord rispettiv, jagħti:
a. lista ta' persuni (titlu, isem u kunjom);
b. l-irwol tagħhom fi ħdan il-bord jew kumitat;
c. l-esperjenzi ta' kull wieħed u waħda minn dawn imsemmija fuq il-bord jew kumitat;
d. il-kompetenzi ta' kull wieħed u waħda minn dawn l-individwi msemmija fuq bord jew kumitat fejn jidħol is-settur ikkonċernat;
e. jekk hux qed jattendu fil-kapaċità personali tagħhom jew ex officio; u
f. ir-remunerazzjoni mogħtija lil kull individwu?

14/12/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-bordijiet u l-kumitati huma komposti minn individwi b'esperjenza u kompetenza sabiex jintlaħqu t-tragwardi u aspettattivi mixtieqa mill-irwol tagħhom. Intant, infakkar li f'dan ir-rigward il-ħatriet rispettivi jkunu notifikati fil-Gazzetta tal-Gvern filwaqt li r-remunerazzjoni hija skont il-Manwal.

Seduta 72
09/01/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - BIĊĊERIJI PRIVATI**

**4905. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4845 u jagħti tagħrif dwar kemm hu n-numru ta' biċċeriji privati, reġistrati mal-Ministeru u fejn jinsabu lokalità b'lokalità? Liema annimali/tjur huma awtorizzati li jinqatlu f'dawn il-biċċeriji privati?

14/12/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'kollox hemm ħames biċċeriji privati, reġistrati mal-Ministeru, tliet biċċeriji awtoriżżati biex joqtlu tjur u dawn jinsabu l-Qrendi, Burmarrad u s-Siġġiewi u żewġ biċċeriji awtorizzati biex joqtlu fniek u dawn jinsabu ż-Żurrieq u l-Magħtab.

Seduta 72
09/01/2023

**ITTRA TA' INDIVIDWU**

**4906. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għall-ittra li l-individwu, lid-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, bagħat lill-Ministru għas-Saħħa nhar is-26 ta' Mejju 2021 u li kopja tagħha qed tingħata separatament ukoll, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta u jekk hemmx il-ħsieb li titwieġeb din l-ittra u jekk hemmx il-ħsieb li jittieħed is-suġġeriment tal-individwu?

16/12/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-ittra li qed jirreferi għaliha hu, kienet oriġinarjament intbagħtet mill-istess individwu lil Lawrence Gonzi meta kien Prim Ministru hu. Ninfurmah ukoll illi issa l-prassi li qed jissuġġerixxi l-individwu fl-ittra msemmija ilha fis-seħħ għal diversi xhur.

Seduta 72
09/01/2023

**ĦAL TARXIEN – PARKING AREA QUDDIEM L-ISKOLA**

**4908. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Billi quddiem l-Iskola ta' Ħal Tarxien hemm parking area kbira li ma tistax tintlaħaq mir-residenti kollha li joqogħdu madwar l-iskola, jista' l-Ministru jikkonsidra li jsir passaġġ (kemm tgħaddi persuna) mill-preċint tal-iskola għal Triq it-Tramuntana biex b'hekk ir-residenti tad-dintorni jkollhom aċċess għall-parking area?

19/12/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proposta tiegħu ġiet innutata.

Seduta 72
09/01/2023

**DIPLOMA IN SOCIAL WORK**

**4914. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid f'liema sena akkademika beda l-Kors tas-Social Work bħala Diploma in Social Work u kemm kien hemm studenti (bħala total tas-snin kollha tal-kors) jsegwu dan il-kors u kemm iggradwaw kull sena bid-Diploma in Social Work sakemm baqa' jsir dan il-kors?

Jista' jagħti l-informazzjoni maqsuma skont kemm studenti kienu tas-sess maskili u kemm tas-sess femminili?

19/12/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 72
09/01/2023

**BA (HONS) IN SOCIAL WORK**

**4915. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid f'liema sena beda jsir il-BA (Hons) Social Work u kemm kien hemm studenti kull sena (bħala total tas-snin kollha tal-kors) jsegwu dan il-kors ta' studji u kemm iggradwaw kull sena studenti bil-BA (Hons.) Social Work? Jista' jagħti l-informazzjoni maqsuma skont kemm studenti kienu tas-sess maskili u kemm tas-sess femminili?

19/12/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kors msemmi beda fis-sena skolastika 1993/4. L-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellat li l-istudenti full-time (FT) jiggradwaw wara li jlestu r-raba' sena, filwaqt li dawk part-time day (PTD) jiggradwaw wara li jlestu s-sitt sena.

Seduta 72
09/01/2023

**MASTER IN SOCIAL WORK**

**4916. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid minn liema sena akkademika beda jsir il-Master in Social Work, kemm kien hemm studenti (bħala total tas-snin kollha tal-kors) jsegwu dan il-kors kull sena u kemm iggradwaw kull sena s'issa bil-Master in Social Work?

Jista' jagħti l-informazzjoni maqsuma skont kemm l-istudenti kienu tas-sess maskili u kemm tas-sess femminili?

19/12/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kors imsemmi beda jsir mis-sena akkademika 2018/19. Total ta' studenti li gradwaw s'issa hu ta' 5 u f'Marzu ta' din is-sena mistennija jigradwaw 3 studenti oħra. L-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li l-kors imsemmi jdum fuq sentejn għal dawk l-istudenti full-time u fuq erbgħa snin għal dawk l-istudenti part-time.

Seduta 72
09/01/2023

**BA (HONS) IN SOCIAL WORK U MASTER IN SOCIAL WORK**

**4917. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid għas-sena akkademika preżenti kemm hemm studenti jsegwu l-BA (Hons) Social Work u l-Master in Social Work f'kull sena tal-kors?

Jista' jagħti l-informazzjoni maqsuma skont kemm studenti kienu tas-sess maskili u kemm tas-sess femminili?

19/12/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'kollox hemm 78 student isegwu l-korsijiet imsemmija, 65 ta' sess femminili u 13 ta' sess maskili.

Seduta 72
09/01/2023

**PJAN TA' RIĠENERAZZJONI TAL-PORT**

**4921. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2054, 3730, 4034, 4251, 4608, 4831 u 4884 u jgħid kemm sewa l-pjan kbir ta' Riġenerazzjoni tal-Port? Jista' jagħti l-istudji li ntużaw?

19/12/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma l-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 72
09/01/2023

**QAWRA - SAN PAWL IL-BAĦAR - TRIQ IL-FREJGATINA U TRIQ PORZJUNKOLA – DAWL PUBBLIKU**

**4922. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4810 dwar dawl pubbliku fil-pjazzetta bejn Triq il-Frejgatina u Triq Porzjunkola, Qawra, San Pawl il-Baħar, jista' l-Ministru jgħid jekk il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar irċeviex ilmenti dwar bozza/bozoz li mhumiex jixgħelu f'din il-pjazzetta? Jekk iva, x'azzjoni ttieħdet mill-Kunsill Lokali u meta ttieħdet? X'azzjoni qiegħda tittieħed mill-Kunsill Lokali sabiex tiżgura li d-dawl f'din il-pjazzetta jkun kollu mixgħul?

23/12/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar illi l-ħsara msemmija ġiet imsewwija.

Seduta 72
09/01/2023

**QAWRA - SAN PAWL IL-BAĦAR - TRIQ IL-FREJGATINA U TRIQ PORZJUNKOLA – DAWL PUBBLIKU**

**4923. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4809 dwar dawl pubbliku fil-pjazzetta bejn Triq il-Frejgatina u Triq Porzjunkola, Qawra, San Pawl il-Baħar, tista' l-Ministru tgħid xi żviluppi kien hemm minn mindu ngħatat it-tweġiba għall-istess mistoqsija parlamentari?

23/12/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li f'din iż-żona t-tiswijiet neċessarji tal-lampi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Enemalta tlestew.

Seduta 72
09/01/2023

**QAWRA - SAN PAWL IL-BAĦAR - TRIQ IL-FREJGATINA U TRIQ PORZJUNKOLA – DAWL PUBBLIKU**

**4924. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għad-domanda parlamentari 4809, dwar dawl pubbliku fil-pjazzetta bejn Triq il-Frejgatina u Triq Porzjunkola, Qawra, San Pawl il-Baħar, tista' l-Ministru tgħid x'azzjoni ttieħdet mill-Enemalta dwar dan id-dawl mitfi hekk kif min ressaq ilment mal-Kunsill Lokali ġie infurmat li dan ir-rapport għadda għand l-Enemalta?

23/12/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 4923.

Seduta 72
09/01/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ IT-TURISTI – PJANTI TAL-PROĠETT TAL-PLAYING FIELD**

**4925. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-mejda tal-Kamra l-pjanti tal-proġett tal-playing field fi Triq it-Turisti kantuniera ma' Triq Cassarino, Qawra, San Pawl il-Baħar u jinforma fiex ħa jkun qed jikkonsisti dan il-proġett? Kemm hi l-istima ta' dan il-proġett u kif ser jiġi ffinanzjat? Meta hu ppjanat li jitlesta dan il-proġett?

29/12/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar illi l-pjanti tal-proġett tal-playing field imsemmi, liema pjanti qed jiġu mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra, ġew approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar u mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar fil-leġiżlatura preċedenti.

Infurmat ukoll li l-offerta mitfuħa approvata mill-istess Kunsill hi ta' €434,610 (Vat eskluż).

Intant infurmat ukoll li l-proġett diġà kkwalifika mill-iskema 'Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom', bl-ammont ta' €107,000.00 fejn €80,000.00 minhom ġew iddepożitati fil-kont tal-Kunsill f'Novembru 2022. Ma jżomm xejn lill-Kunsill milli japplika għal fondi addizzjonali oħra.

Finalment, infurmat li l-proġett huwa mistenni li jitlesta kompletament għall-aħħar tas-sena 2023.

Seduta 72
09/01/2023

**MFSA – KAP EŻEKUTTIV – KUNTRATT**

**4927. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 4639 u 4832 u jgħid għalfejn l-Eks Kap E¿ekuttiv tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) għadu qed jitħallas eluf fix-xahar? Jista' jippubblika l-kuntratt li kellu l-Kap Eżekuttiv ta' din l-Awtorità, li ismu qed jintbagħat separatament?

29/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Eks Kap Eżekuttiv tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA), ġie ingaġġat bħala konsulent għall-istess Awtorità għall-perjodu bejn Settembru 2022 sa Marzu 2023, kif diġà jidher fir-risposta għall-mistoqsija parlamentari 3248.

Is-Sur Gavin ġie ingaġġat biex jipprovdi konsulenza dwar il-funzjonijiet statutorji tal-imsemmija Awtorità, għal handover, u għall-konklużjoni ta' diversi inizjattivi, inkluż pariri strateġiċi marbuta mal-istrateġija ta' Malta għas-servizzi finanzjarji, numru ta' inizjattivi dwar liċenzjar jew awtorizzazzjonijiet, u diversi pariri dwar rekwiżiti superviżorji. Il-kuntratt tiegħu jiġi tterminat *ipso jure*fil-31 ta' Marzu 2023.

Seduta 72
09/01/2023

**FIAU - AVUKATI**

**4928. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-avukati li qed jirrapreżentaw lill-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) f'kawżi quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti tal-Appell, kif intagħżlu, kemm tħallsu sa issa u meta tħallsu?

29/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-avukati li qed jirrappreżentaw lill-Korp għall-Analizi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) f'kawzi quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti tal-Appell huma Refalo Advocates u Mamo TCV Advocates.
Dawn irrappreżentaw l-FIAU fil-perjodu 2018 s'issa, u f'dan il perjodu tħallsu total ta' €357,120.77. Dan l-ammont jinkludi spejjeż għas-servizzi professjonali tagħhom, spejjeż tal-Qorti, u spejjeż tal-prokuraturi legali.
Fir-rigward għal kif intgħażlu, l-avukati ġew appuntati skont ir-regolament 7(1) ta' SL601.03.

Seduta 72
09/01/2023

**MFSA - AVUKATI**

**4929. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-avukati li qed jirrapreżentaw lill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) f'kawżi quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti tal-Appell, kif intagħżlu, kemm tħallsu sa issa u meta tħallsu?

29/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-avukati u d-ditti t'avukati li qed jirrappreżentaw lill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA), f'kawżi kostituzzjonali u f'kawżi quddiem il-Qorti tal-Appell, huma l-Av. Kris Borg, GVZH Advocates u Refalo Advocates.
Dawn ġew magħżula skont il-liġijiet u l-proċeduri interni applikabbli, u abbażi tal-kompetenza tagħhom fl-oqsma relevanti. L-ammont totali mħallas lilhom ilkoll s'issa għas-servizzi tagħhom provduti fir-rigward tal-imsemmija kawżi huwa €11,563.22, liema ammont ġie mħallas lilhom bejn l-2019 u l-2022, hekk kif juri s-sommarju li jidher hawn taħt:

| Ditta tal-Avukati/Sena | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| Dr Kris Borg | 490 | 568 | 643 | 617 | 2,316 |
| GVZH Advocates | - | - | 4,302 | 2,456 | 6,758 |
| Refalo Advocates | - | - | - | 2,489 | 2,489 |
| | 490 | 568 | 4,945 | 5,561 | 11,563 |

Seduta 72
09/01/2023

**FIAU - MULTI FL-2019**

**4930. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm tat multi l-FIAU fl-2019 u kemm ġabret minn dawn il-multi?

29/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-2019 l-FIAU tat 20 multa u f'din is-sena ġabret €37,050.

Seduta 72
09/01/2023

**FIAU - MULTI FL-2020**

**4931. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm tat multi l-FIAU fl-2020 u kemm ġabret minn dawn il-multi?

29/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-2020 l-FIAU tat 170 multa u f'din is-sena l-FIAU ġabret €2,103,277. Dan l-ammont jinkludi multi imposti fl-2016 u l-2018 u li nġabru fl-2020.

Seduta 72
09/01/2023

**SKEJJEL – FIRST AIDERS**

**4938. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jaġġorna lill-Kamrau jgħid uffiċjalment kemm hemm First Aiders f'kull skola u l-popolazzjoni ta' kull skola?

30/12/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-iskejjel hawn 165 first aider b'popolazzjoni ta' 34,188.

Seduta 72
09/01/2023

**SKEJJEL – STUDENTI B'KUNDIZZJONIJIET KRONIĊI**

**4939. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jaġġorna lill-Kamrau jgħid kemm-il student hemm f'kull skola b'kundizzjoni kronika u jgħid liema huma dawn il-kundizzjonijiet p.e. dijabete, allerġiji eċċ?

30/12/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tali informazzjoni, kif mitluba, ma tinżammx b'rispett lejn il-protezzjoni tad-data.

Seduta 72
09/01/2023

**SKEJJEL – STUDENTI LI JUŻAW IS-SERVIZZ TAL-INFERMIERA**

**4940. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jaġġorna lill-Kamrau jgħidkemm-il student juża s-servizzi tal-infermiera tal-komunità f'kull skola?

30/12/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-servizzi msemmija jingħataw minn kumpanija privata.

Seduta 72
09/01/2023

**SKEJJEL – AED MHUX FUNZJONABBLI**

**4941. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jaġġorna lill-Kamra u jgħid kemm-il AED hemm li mhux funzjonabbli fl-iskejjel?

30/12/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 72
09/01/2023

**SKEJJEL – INVIGILATORS MA' STUDENTI FILGĦODU**

**4942. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jaġġorna lill-Kamra u jgħidkemm hemm invigilators kull filgħodu assenjati mat-tfal? Kemm-il talba saret minn kull skola jew Kap tan-Netwerk,biex ikunu allokati iżjed invigilators?

30/12/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rwol tal-invigilator hu li jkun responsabbli għal grupp ta' persuni waqt l-eżami. L-invigilators jiġu assenjati mill-Kap tal-Iskola.

Seduta 72
09/01/2023

**SPTAR MATER DEI – LISTI TA' STENNIJA**

**4994. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm huma twal f'termini ta' ġimgħat/xhur il-listi ta' stennija għal dawn is-servizzi fl-Isptar Mater Dei mniżżla hawn taħt:
a. MRI;
b. CT scan;
c. Operazzjonijiet tal-irkoppa;
d. Ophtalmic (l-ewwel vista);
e. Operazzjonijiet għall-katarretti;
f. ENT (l-ewwel vista); u
g. GU Clinic?
Jista' jgħid ukoll hemmx xi listi ta' stennija oħra f'dipartimenti oħrajn li jaqbżu t-tliet xhur?

02/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ż-żmien ta' stennija jiddependi mill-urġenza tal-każ għalhekk kull każ huwa vverifikat u dawk li huma urġenti jsiru f'qasir żmien. Pereżempju pazjenti li jkollhom bżonn urġenti tas-servizz tal-GU clinic jingħataw appuntament dakinhar stess jew l-għada. Għal każijiet inqas urġenti l-appuntament jista' jkun aktar fit-tul.

Seduta 72
09/01/2023

**SPTAR SIR ANTHONY MAMO ONCOLOGY CENTRE – LISTI TA' STENNIJA**

**4995. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm huma twal f'termini ta' xhur il-lista ta' stennija għall-ewwel vista fl-Isptar Sir Anthony Mamo Oncology Centre (SAMOC)?

02/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ż-żmien ta' stennija għall-ewwel vista fl-Oncology Out Patients hija ta' madwar 18-il jum. Madanakollu kull każ jiġi vetted mill-ispeċjalisti relevanti u f'każ ta' urġenza l-pazjent jingħata appuntament minnufih.

Seduta 72
09/01/2023

**KLINIĊI TAL-KOMUNITÀ – LISTI TA' STENNIJA**

**4996. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm qed ikun hemm stennija bejn appuntament u follow-up ma' psikjatri fil-kliniċi tal-komunità? Jista' jgħid jekk hux qed jinżamm xi tip ta' rekord ta' dan id-dewmien?

02/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li follow-up fil-kliniċi msemmija minnha jsiru skont il-qagħda klinika u l-ħtieġa tal-pazjent. Dan jiġi determinat mit-tim multidixxiplinarju li jkun qed isegwi lill-pazjent.

Seduta 72
09/01/2023

**LISTA TA' MEDIĊINI TAL-KARTUNA S-SAFRA**

**4997. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jikkonferma li pazjenti li jkollhom xi bidla fil-lista tal-mediċini tal-Kartuna s-Safra qed ikollhom imorru jagħmlu t-tibdil fl-uffiċċju tax-Schedule V fil-kumpless ta' San Luqa? Jista' jikkonferma li sa ftit ilu l-ispiżjar tal-POYC kien jiffaċilita din il-bidla imma l-ispiżjara rċevew istruzzjonijiet biex ma jkomplux jagħmlu dan? F'każ li vera kien hemm din il-bidla, jista' l-Ministru jiċċara x'kien il-ħsieb wara din il-bidla?

02/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kwalunkwe bidla fit-trattament/mediċina huwa dejjem għad-diskrezzjoni tal-Konsulent li jieħu ħsieb il-pazjent. Tibdil fil-mediċina jista' jsir direttament mill-konsulent lill-POYC, sussegwentement ipproċessata mit-tim ta' Schedule V jew permezz tas-sistema ta' intitolament online tal-POYC imsejħa CARE, fejn l-applikazzjoni tiġi riċevuta direttament minn POYC u pproċessata u viżibbli għall-ispiżerija fuq is-sistema WPDS immedjatament wara l-ipproċessar.

Seduta 72
09/01/2023

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAULE - APPLIKANTI**

**4998. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid Kemm hemm applikanti li qed jistennew biex jidħlu fir-Residenza San Vincenz de Paule? Jista' jgħid kemm hemm applikanti li qed jistennew biex jidħlu f'dar tal-anzjani fil-komunità? Jista' jgħid x'inhuma d-dati tal-applikanti li ilhom l-iktar jistennew biex jidħlu fir-Residenza San Vinċenz jew fi djar tal-anzjani fil-komunità?

02/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 72
09/01/2023

**ĦAL FAR MODEL FLYING ASSOCIATION – ĊAQLIQ GĦALL-INĦAWI TA' WIED ŻNUBER**

**4999. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għal wegħda li għamel il-Prim Ministru ftit qabel l-elezzjoni ġenerali li għaddiet u għat-twegiba għall-mistoqsija parlamentari 4603, jista' l-Ministru jgħid għal liema post ser tkun qed tiċċaqlaq il-Ħal Far Model Flying Association minn fejn hi pjanata li ssir it-trakka tal-karozzi?

02/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-pjan li jsir iċ-ċaqliq tal-Ħal Far Model Flying Association għadu fis-seħħ.

Seduta 72
09/01/2023

**PERKOLAT TAL-PUTASSA - HS CODE**

**5000. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jelenka lista li turi kemm ġew importat perkolat tal-putassa għal użu fil-piroteknika, meta, mil-liema pajjiż u taħt liema HS Code mill-1 ta' Settembru 2021 sal-31 ta' Ottubru 2022?

02/01/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-perjodu indikat, ġiet irrappurtata importazzjoni waħda ta' perkolat tal-putassa (CAS RN231-912-9).
Din kienet tikkonsisti f'27 pallet bit-tariffa dagonali 2829901000, importata miċ-Ċina. Dawn ġew irrilaxxati mid-Dwana wara li ġiet issottomessa d-dikjarazzjoni fis-sistema tal-importazzjoni nhar it-8 ta' Ġunju 2022.

Seduta 72
09/01/2023

**IMPORTAZZJONI TA' PERKOLAT TAL-PUTASSA GĦAL UŻU FIL-PIROTEKNIKA**

**5001. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista l-Ministru jipprezenta kopja tac-certifikazzjoni tal-kwalità u/jew is-safety data sheets li ġew ippreżentati fl-importazzjoni ta' perkolat tal-putassa għal użu fil-piroteknika, mill-1 ta' Settembru 2021 sal-31 ta' Ottubru 2022, u/jew verifika u/jew konferma li dawn ġew ippreżentati f'kull instanza ta' importazzjoni tal-imsemmija materjali fil-perjodu msemmi? Jista' l-Ministru, għal kull instanza ta' importazzjoni tal-imsemmija materjali fil-perjodu imsemmi, jindika kif ġew ivverifikati s-Safety Data Sheets?

02/01/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mhix fil-kompetenza tad-Dwana li tivverifika s-safety data sheets.
Din it-tip ta' merkanzija tinħtieġ liċenzja maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ; liema liċenzja ġiet ippreżentata lid-Dwana waqt spezzjoni fiżika tal-imsemmija konsenja.

Seduta 72
09/01/2023

**PROĊESS U FREKWENZA TAL-VERIFIKAZZJONI TAL-PERKOLAT TAL-PUTASSA GĦAL UŻU FIL-PIROTEKNIKA**

**5002. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-proċess u l-frekwenza, sabiex jiġi vverifikat li l-perkolat tal-putassa għal użu fil-piroteknika importati jikkorspondi fil-komposizzjoni u l-kwalità mad-dokumentazzjoni ppreżentata waqt l-importazzjoni?

02/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 72
09/01/2023

**PROJECT HOUSE - FAĊĊATA - IRĦAM U GRANIT**

**5003. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid li kemm intuża, f'metri kwadru, irħam jew granit mal-faċċata ta' Project House u kemm ġie jiswa? Jista' jikkonferma li parti minn dan l-irħam ġiet moħbija wara l-photovoltaic panels u kemm minnu, f'metri kwadru, ġie moħbi?

02/01/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninformalill-Onor. Interpellant li ntuża madwar 2,523 metru kwadru ta' ġebel tal-qawwi (minn Għawdex) għall-kisi tal-faċċata ta' Project House. Il-prezz tas-sistema tal-cladding, inkluż il-qafas tal-aluminju li miegħu twaħħal il-ġebel tal-qawwi, u l-insulation huwa ta' €1,293,679 (VAT eskluż). Il-pannelli (BIPVs) li twaħħlu fuq il-ġebel tal-qawwi jkopru madwar 232 metru kwadru.

Seduta 72
09/01/2023

**PERITI - LISTA TA' WARRANTS SOSPIŻI**

**5004. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jelenka lista ta' Periti li jew għandhom il-warrant tagħhom sospiż jew li qegħdin fl-appell għaliex appellaw deċiżjoni li jkollhom il-warrant sospiż?

02/01/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proċedura ta' sospensjoni tal-Warrant tal-Periti, kif stabbilita mill-Att tal-Periti qabel ma ddaħħal fis-seħħ l-Att il-ġdid, jiġi mmexxi mill-Kamra tal-Periti u l-proċeduri jinstemgħu mill-Kunsill tal-istess Kamra tal-Periti. Fil-preżent, skont ir-records tal-Bord tal-Warrant tal-Periti ma hemm ebda Perit li għandu l-Warrant sospiż. Fir-rigward tal-Appelli minn deċiżjonijiet meħuda mill-Kamra tal-Periti, l-Bord tal-Warrant tal-Periti ma jkollux din l-informazzjoni, peress li l-Bord ma jkunx parti minn dawk il-proċeduri u l-Appell jiġi intavolat lill-Qorti tal-Appell mid-deċiżjoni tal-Kamra tal-Periti.

Seduta 72
09/01/2023

**BIRŻEBBUĠA – TENDER GĦAL SHORE-TO-SHIP**

**5009. L-ONOR. AMANDA SPITERI GRECH** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid x'kien l-eżitu tat-tender għal shore-to-ship fil-Freeport? Jista' jgħid ukoll kemm hija ppjanata l-ispiża, meta se jibdew ix-xogħlijiet u jekk hemmx studji dwar kif se jiġu affettwati l-emissjonijiet fiż-żona ta' Birżebbuġa?

03/01/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-eżitu tal-kuntratt għax-xogħlijiet meħtieġa ġie ffirmat u qed jiġi esegwit. L-imsemmi tender huwa ppubblikat mid-Dipratiment tal-Kuntratti, kif ukoll l-istess jista' jingħad għat-tender tas-superviżjoni maħruġ mill-Malta Freeport Corporation.

Ix-xogħlijiet li bdew f'Ottubru ta' 2022, li jinkludu fażi estensiva ta disinn dettaljat kemm elettriku u ċivili kif ukoll huma previsti li l-emissjonijiet fiż-żona ta Birżebbuġa jonqsu drastikament. L-ispiża totali hija maħsuba, li ma taqbiżx it-12-il muljun Euro.

Seduta 72
09/01/2023

**MEDIĊINI OUT OF STOCK**

**5029. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti rendikont tal-mediċini li kienu out of stock jew li għadhom out of stock mill-isptar bejn id-19 ta' Diċembru 2022 sal-4 ta' Jannar 2023 u li minħabba f'hekk bosta pazjenti spiċċaw jixtru dawn il-mediċini mill-ispiżeriji?

04/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi waqt li globalment teżisti skarsezza sinifikanti ta' mediċini l-aktar imħabba problemi ta' manifattura u ta' loġistika, lokalment is-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU) u l-Medicines Authority qegħdin ikunu pro attivi sabiex l-effetti tal-iskarsezza inkwestjoni tkun minimizzata.

Qiegħed inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra screenshot tal-web page bl-informazzjoni relevanti.

Seduta 72
09/01/2023

**SPTAR MATER DEI – INJECTION KENALOG**

**5030. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk l-injection Kenalog għadhiex out of stockmill-Isptar Mater Dei? Jista' jgħid kemm kien hemm persuni li marru jieħdu din l-injection mill-isptar u spiċċaw intbagħtu biex jixtruha huma minn post ieħor allokat lilhom mill-konsulenti?

04/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-mediċina Triamcinolone (fil-Mistoqsija riferuta bħala Kenalog injection) hija disponibbli għall-użu fl-Isptar Mater Dei.

Seduta 72
09/01/2023

**SKEJJEL SEKONDARJI TAL-ISTAT - PERSUNI LI JOPERAW IT-TUCK SHOPS**

**5031. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni differenti li qegħdin joperaw it-tuck shops fl-Iskejjel Sekondarji tal-Gvern?

04/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-preżent hemm ħames kuntratturi differenti li qed joperaw tuckshops fl-iskejjel sekondarji tal-Istat.

Seduta 72
09/01/2023

**SKEJJEL SEKONDARJI TAL-ISTAT - TUCK SHOPS**

**5032. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-massimu ta' Tuck Shops li persuna/persuni/kumpanija tista' tingħata biex topera fl-iskejjel tal-istat?

04/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'hemmx numru massimu ta' kemm wieħed jista' jopera t-tuckshops.

Seduta 72
09/01/2023

**LIFELONG LEARNING – CALL/TALBA GĦAL POST TA' DIRETTUR**

**5033. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk ħarġitx il-call/it-talba għall-post li kien vakat mid-Direttur, Lifelong Learning, li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament?

04/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-call/talba msemmija ħarġet skont iċ-ċirkulari OPM numru 16/2022 – Headship Position.

Seduta 72
09/01/2023

**SKEJJEL TAL-GVERN - TUCK SHOPS**

**5034. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid fuq liema kriterji jingħataw it-tuck shops jew kif jintgħażel min jieħu ħsieb biex imexxi dawn fl-iskejjel tal-Gvern?

04/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proċedura użata hi l-istess bħall kull proċedura oħra ta' procurement system.

Seduta 72
09/01/2023

**FGURA – TRIQ IL-KUNSILL TAL-EWROPA/VJAL KOTTONER – XOGĦLIJIET**

**5035. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex previst li tul din is-sena jsir ix-xogħol neċessarju fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa ma' Vjal Kottoner fil-Fgura, fejn hemm roundabout żgħira, billi din qiegħda tisfronda?

05/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol f'din it-triq hu ppjanat li jibda din is-sena.

Seduta 72
09/01/2023

**FGURA – TRIQ IL-KUNSILL TAL-EWROPA/VJAL KOTTONER – XOGĦLIJIET**

**5036. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex previst li tul din is-sena jsir ix-xogħol neċessarju fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa ma' Vjal Kottoner fil-Fgura, fejn hemm roundabout żgħira, billi din qiegħda tisfronda?

05/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 72
09/01/2023

**ĦAD-DINGLI – GĦASSA TAL-PULIZIJA - MANUTENZJONI**

**5037. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħad-Dingli hix qiegħda tkun miftuħa regolarment u jekk hux se ssirilha manutenzjoni billi tidher li għandha bżonn sew?

05/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3470.

Seduta 72
09/01/2023

**ĦAL TARXIEN – PROĠETT TA' RIĠENERAZZJONI TAL-PJAZZA U Z-ZUNTIER TAL-KNISJA PARROKKJALI**

**5038. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3483, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress fir-rigward tal-proġett ta' riġenerazzjoni tal-Pjazza u z-zuntier tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien?

05/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma l-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 72
09/01/2023

**IL-BELT VALLETTA – KNISJA TA' SANTA BARBARA – RESTAWR**

**5039. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex ser isir ix-xogħol ta' restawr neċessarju fil-Knisja ta' Santa Barbara l-Belt Valletta tul din is-sena jew jekk hix ser tiġi inkluża fil-lista tal-istess bħala prijorità?

05/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mid-Direttorat tar-Restawr li m'hemmx pjanijiet li jsir restawr fuq il-Knisja ta' Santa Barbara l-Belt Valletta matul din is-sena minħabba l-fatt li hemm lista ta' proġetti oħrajn li jieħdu preċedenza fil-prijorità.

Madankollu mhux eskluż li tittieħed azzjoni li titqies meħtieġa fiċ-ċirkostanzi.

Seduta 72
09/01/2023

**IL-BELT VALLETTA – KNISJA TA’ SANTA BARBARA – RESTAWR**

**5040. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista’ l-Ministru jgħid jekk huwiex ser isir ix-xogħol ta’ restawr neċessarju fil-Knisja ta’ Santa Barbara l-Belt Valletta tul din is-sena jew jekk hix ser tiġi inkluża fil-lista tal-istess bħala prijorità?

05/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b’referenza għall-mistoqsija parlamentari 5040 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 72
09/01/2023

**MEDIĊINA GOLEXIN IMPLAN 3.6 MG**

**5043. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hawn pazjenti f’Malta u f’Għawdex li għandhom bżonn il-mediċina Golexin Implant 3.6 mg? Minħabba li din il-mediċina hija out of stock u hawn nuqqas ta’ supply, jista' jgħid jekk hux il-pazjenti kollha qed jingħataw din il-mediċina? Jekk le, jista' jgħid kemm-il pazjent qed jiġi affettwat? Jista’ jgħid ukoll kemm jista’ jkun in-numru ta’ pazjenti li mhux se jkunu moqdija sakemm tiġi riżolta din il-problema? Jista’ jiggarantixxi li jekk in-numru ta’ pazjenti li għandhom bżonn din il-mediċina jiżdied, dawn il-pazjenti se jkunu moqdija?

05/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Golexin Implant 3.6 mg mhuxout of stock.

Seduta 72
09/01/2023

**KAWŻI TA’ MWIET F’MALTA**

**5044. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3341, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jippubblika l-istess statistika għas-sena 2021?

05/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 72
09/01/2023

**GUDJA – BYE-LAW DWAR PARKEĠĠ RESIDENZJALI**

**5045. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3340, jista' l-Ministru jispjega kif skont it-tweġiba tiegħu huwa qed jgħid li kien ‘infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Gudja’ li l-bye-law ġiet rifjutata, u fl-istess waqt skont il-Minuti ta' Laqgħa Nru 83/8 tal-Kunsill Lokali tal-Gudja li saret il-Ħamis 10 ta' Novembru 2022, u li jinsabu ppubblikati fis-sit tal-Kunsill Lokali, is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali li ‘il-Kunsill ma wiġibx b'dak il-mod’ li kkwota l-Ministru?

05/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m’għandi xejn xi nżid mat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 3340.

Seduta 72
09/01/2023

**IR-RABAT – PROVVISTA TAL-ELETTRIKU FIN-NAĦA TAL-WIED TAL-ISQOF**

**5046. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tara li tiġi riżolta l-problema tal-provvista tal-elettriku fin-naħa tal-Wied tal-Isqof, limiti Tal-Virtù, Rabat, minħabba li r-residenti qed ibatu b'vultaġġ jitla' u jinżel sal-punt li jikkawżalhom ħsarat fl-appliances? Tista' tagħti indikazzjoni meta hu ppjanat li din il-problema tissolva?

05/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 72
09/01/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ TAX-XTUT - XOGĦOL INFRASTRUTTURALI**

**W12. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali:
B'referenza għall-ilmenti tar-residenti rigward l-istat ħażin ta' Triq Tax-Xtut, f'San Pawl il-Baħar, u li l-istat ħażin tat-triq jista' jkun ta' periklu għal bosta, jista' l-Ministru jgħid meta se jsir ix-xogħol infrastrutturali f'din it-triq?

29/12/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta għaddejja b'konsultazzjoni mal-kunsilli lokali kollha, inkluż l-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar, u rċeviet lista ta' prijoritajiet għal-lokalità. S'issa t-triq imsemmija ma tinsabx f'din il-lista, madanakollu d-diskussjonijiet mal-kunsill għadhom mhux konklużi.

Seduta 72
09/01/2023